DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: .............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## IL-FESTA BIL-BANDIERI

*1 Att, 9 Xena, p.47 (M/m)*

### MARCO

**BKEJT MAGĦHA.**

Bkejt magħha. Imma ma stennejtx ġimgħ'oħra. Xorta tlaqt l-għada filgħodu.

Il-Gvern baqa' ma waqax. U t-telefown kellhom idumu xi sentejn oħra sakemm sa fl-aħħar daħħluhulna. Ma nafx kienx minħabba li l-Pa ma baqax aktar imur ikellem lil xi ħadd... Minn dakinhar li tlaqt infatti, tista' tgħid ma kellem lil ħadd aktar. Lanqas lil ommi.

Lanqas ma naf jekk Mary qattx marret il-flatt ta' Louis. Qabel tlaqt, tlajt Għawdex, mort sibtu hemm u heżżiżtu tnejn sew. Lil Louis, mhux lill-flatt – metaforikament. Il-flatt ma kienx tiegħu. Ta' xi ħabib; ċertu Raymond li kien mar l-Arabja Sawdija jitgħallem l-Għarbi għal ftit xhur.

Għax ir-riħ tal-bidla ma kienx beda jdur biss fuq il-bejt ta' did-dar.

Ir-riħ tal-bidla fil-gżira issa kien deċiżament dar u beda jonfoħ min-nofsinhar. Fejn qabel ridna nqaċċtu saħansitra l-biċċa lewn griż fir-rokna ta' fuq tal-bandiera tagħna, xi ħadd ma ddadarx jipprova jżewwaqha b'xi ftit aħdar... akkost li nwarrbu s-salib minn hemm. – Skużawni, tbegħedna xi ftit mit-teżori ta' Ali Baba... Jew forsi mhux daqstant. *(161)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** .................................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p. 47